

# Il-Piż u l-Ġarr ta' Basktijiet tal-Iskola

### 1. Innaqqsu l-Istress

- Evitaw li tieħdu magħkom il-kotba tal-iskola li mhumiex fit-*timetable* tagħkom. Hemm bżonn li ma tibqgħux tibżgħu jekk bi żball ġenwin tinsew tieħdu magħkom l-iskola kotba li jkunu mniżżlin fit-timetable.
- Iċċekkjaw it-*timetable* li tagħtikom l-għalliema filgħaxija u kunu ċerti li ma tiħdux kotba jew pitazzi żejda.
- Tħallux pitazzi ġodda fil-basket. Dawn jistgħu jinżammu mill-għalliema fil-klassi jew fil- lockers.
- Iċċekkjaw ma' ħutkom, kuġini jew ħbieb tagħkom għandhomx xi kopji ta' kotba li qegħdin tużaw. Dawn jistgħu jintużaw id-dar u l-kotba li tingħataw mill-iskola jinżammu fil-klassi.
- Jekk fl-iskola hija l-prattika li jintużaw fajls minflok pitazzi, daħħlu x-xogħol f' fajls/*folders* irqaq u mhux f'fajls tqal.
- Tiħdux oġġetti li mhux ser jintużaw bħal: *raincoats*, logħob jew ġugarelli.
- Jekk fl-iskola hemm il-lockers, użawhom b'mod għaqli.
- Fil- kaz li tattendu skola Primarja, tpoġġux it-tablet fil-basket. Użaw il-bagalja żgħira li ġiet ipprovduta apposta.
- Tiħdux il-kotba tal-librerija magħkom l-iskola. Dawn għandhom jinqraw id-dar u jinġiebu lura l-iskola skont id-data.



## 2. Il-Ġarr tal-Basktijiet



- Ilbsu l-basktijiet madwar 5 ċentimetri 'l fuq mill-qadd.
- Jeħtieġ tadottaw modi ta' rfigħ korretti, fejn ma tgħawġux daharkom.
- Oqogħdu attenti meta tkunu qed terfgħu l-basktijiet fuq daharkom għax it-tbandil tal-basket fuq id-dahar iġib liwi u tgħawwiġ fil-ġnub tas-sinsla li jista' jikkawża ħsara.
- Meta jitqiegħed sewwa, il-basket għandu jidħol sewwa mal-kurvatura tad-dahar u mhux jiddendel 'l isfel mill-ispallejn.
- Qiegħdu l-itqal oġġetti l-eqreb kemm jista' jkun ta' daharkom.
- Użaw il-kompartamenti tal-basket biex l-oġġetti jiġu ppakkjati sewwa u ma jħallux kemm jista' jkun it-tagħbija tiċċaqlaq 'l hawn u 'l hemm.
- Waqt il-laqgħa ta' filgħodu, qiegħdu l-basket tal-iskola mal-art u żżommuhx imdendel ma' spallejkom. Jeħtieġ li ġġorru l-basket, meta jkollkom bżonn tagħmlu hekk biss.
- Jekk toqogħdu 'l bogħod mill-iskola, użaw it-trasport ipprovdut. Timxux mixjiet twal bil-basket wara daharkom.
- Qatt tiġru bil-basket fil-bitħa/kuritur jew titilgħu t-taraġ bil-għaġla għax tistgħu tagħmlu ħsara lil daharkom minbarra li tistgħu anke tweġġgħu lil xi ħadd ieħor.
- Minħabba li l-basket tal-iskola jaf ikun tqil, dejjem għandkom tkunu ċerti li ż- żarbun li tilbsu jkun adattat għall-iskola u jipprovdi sapport lid-dahar waqt li tkunu qegħdin timxu bil-basket.